



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Mejju 2021
(OR. en)

7755/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0072 (NLE)

AGRI 170
AGRILEG 71

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi
----------	---

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Komitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi stabbilit bil-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi
fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura
tal-Komitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi (il-“Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2307¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018.
- (2) L-Artikolu 8 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi (il-“Kumitat Konġunt”) biex imexxi l-Ftehim u jieħu deċiżjonijiet għall-implimentazzjoni u l-funzjonament tajjeb tal-Ftehim. Skont il-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.
- (3) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt, fir-rigward tar-regoli ta' proċedura tiegħu, peress li dawk ir-regoli ser ikunu vinkolanti għall-Unjoni
- (4) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2307 tad-9 ta' Ottubru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi (ĠU L 331, 14.12.2017, p. 1).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi stabbilit bil-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Ċili dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt dwar il-Prodotti Organiċi mehmuż ma' din id-Deċiżjoni¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 7778/21 fuq <http://register.consilium.europa.eu>